MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 222/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Borg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Borg talli ghax-xhur ta' Ottubru 2006, Novembru 2006, u Dicembru 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas milli jhallas is-somma ta' Lm741 li tikkonsisti f'manteniment ta' Lm247 mensili ghal martu Mariella Borg ghaliha jew ghal xi wild minuri, liema manteniment jithallas b'xahar bil-quddiem kull 29 ta' xahar, u dan skond digriet tat-2 ta' Jannar 2006, digriet precedenti tal-Qorti tal-Familja (Digiriet Numru 1659/2003);

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Mejju, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrck Borg hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh, u kkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija sospizi ghal sena (1); barra minn hekk dik il-Qorti ordnat ukoll lill-istess imputat ihallas s-somma ta’ Lm741.00 (seba’ mija u wiehed u erbghin lira Maltija) fi zmien tlett xhur (3) u dan skond l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Patrick Borg, minnu prezentat fil-5 ta’ Gunju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Settembru 2007; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: (**1**) illi l-akkuza mhix cara fid-digriet li ghandu jirregola l-manteniment; (**2**) illi mhux possibbli ghalih li jhallas is-somma ta’ Lm247 fix-xahar bhala manteniment peress li m’ghandux *income* bizzejjed; (**3**) illi hu kien gab a konjizzjoni tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fatti godda li kienu juru li martu kellha impieg gdid u li ghalhekk il-manteniment kellu jitnaqqas izda, peress li l-kawza tinsab ghar-rapport tal-perit, dik il-Qorti cahdet it-talba ghal varjazzjoni; (**4**) illi l-imsemmi perit ilu x-xhur “awtorizzat biex jirredigi r-rapport tieghu” u dan id-dewmien ma nghatax piz mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata; (**5**) illi mhux gust li mart l-appellant tinsisti ghall-hlas ta’ Lm247 “meta dan jirrifletti mizati ta’ skola li t-tifel lanqas biss baqa’ jattendi fil-periodu ta’ l-akkuza”; u (**6**) illi l-piena inflitta hija esagerata.

Mill-provi, inkluzi d-dokumenti ezibiti, jirrizulta li b’digriet 1659/2003 l-appellant kien gie ordnat ihallas lil martu Mariella Borg bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri s-somma ta’ Lm150. B’digriet sussegwenti hu kien gie ordnat ukoll ihallas il-mizati ta’ l-iskola tat-tifel. Peress li dan baqa’ ma hallasx dawn il-mizati, il-kwerelanti Mariella

Borg, b'rikors presentat quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fl-1 ta' Dicembru 2005, talbet li dik il-Qorti tordna lil zewgha jhallas, bhala manteniment fix-xahar, l-ammont totali ta' Lm 247, rappresentanti mija w hamsin lira il-manteniment originali u sebgha w disghin lira mizati ta' l-iskola u spejjez ohra konnessi ma' l-edukazzjoni ta' binhom Dunskie. Il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, ordnat in-notifika tar-rikors lill-appellant odjern, izda dan baqa' ma ppresentax risposta, u ghalhekk fit-2 ta' Jannar 2006 dik il-Qorti laqghet it-talba. Dan kollu jirrizulta mid-dokument ezibit a fol. 9 sa 11 tal-atti ta' din il-kawza kriminali. Mid-deposizzjoni ta' Mariella Borg moghtija quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2007 jirrizulta li sa dik il-gurnata l-appellant kien ghadu ma hallas xejn minn dak dovut b'ordni tal-Qorti kompetenti ghall-periodu msemmi fl-imputazzjoni cioe` Ottubru, Novembru u Dicembru tas-sena l-ohra.

Din il-Qorti ma tezitax tikkwalifika dana l-appell bhala wiehed altament fieragh. L-aggravji numru **2** sa **5** jirrigwardaw kollha fatti u cirkostanzi li l-appellant kellu jgib a konjizzjoni tal-Qorti civili kompetenti, u jezorbitaw kompletament mill-mansjoni kemm tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll ta' din il-Qorti (ta' l-Appell Kriminali). Din il-Qorti ghandha toqghod biss fuq id-digriet tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja tat-2 ta' Jannar 2006. L-aggravju numru **1** huwa daqstant iehor fieragh – ma hemm assolutament xejn li hu "mhux car" fl-akkuza migjuba kontra l-appellant, allura imputat. L-appellant qieghed semplicement deliberatament jinjora d-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Jannar 2006. Kwantu ghall-piena inflitta, ikluza d-direttiva maghmula taht l-Artikolu 28H tal-Kap. 9, anke dan l-aggravju huwa wiehed fieragh. F'kaz ta' reati bhal dawk in dizamina, l-ammont li ghandu jithallas bhala manteniment u li ma jkunx hekk thallas jammonta ghal *"danni…kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat"* fit-termini tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Artikolu 28H. Barra min hekk, il-fedina penali ta' l-appellant turi seba' kundanni ohra talli ma hallasx il-manteniment dovut, oltre tlett kundanni ohra ta' hebb fil-konfront ta' martu. Il-piena ta' sentejn prigunerija hija wkoll

perfettament gustifikata anke in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 31(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li l-periodu ta’ tlett xhur ghall-fini tad-direttiva skond l-Artikolu 28H jibda jiddekorri mil-lum. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens ta’ l-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9 tikkundanna lill-appellant ihallas ammenda ta’ tletin lira (Lm30) konvertibbli f’sitt (6) ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi. Il-Qorti fl-ahharnett tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) ta’ l-Arikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------